Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,108, 15 ta' Ġunju, 2001
Taqsima B

A.L. 142 ta' 2001

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tas-sena 2001 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1996 għall-Kors tad-Diploma in Education (Administration and Management) - Dip. Ed.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti tas-sena 2001 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1996 għall-Kors tad-Diploma in Education (Administration and Management) - Dip. Ed. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1996 għall-Kors tad-Diploma in Education (Administration and Management) - Dip. Ed. - ippubblikati bħala Avviż Legali 85 ta' l-1996, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li bdew fi Frar 2001 jew wara.

Emenda għar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafi (1), (2) u (3) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"5. (1) Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' sentejn ta' studju fuq bażi *part-time*. Il-Bord jista' jħalli lill-kandidati jtemmu l-Kors f'mhux aktar minn tlett

snin. Is-Senat jista', f'ċirkostanzi eċċezzjonali u fuq il-parir tal-Bord, jagħti sena żejda ta' studju lill-kandidati.

(2) Il-Kors huwa magħmul mill-komponenti li ġejjin, li għalihom huma assenjati 30 kredtu:

(a) Theory and Practice of Educational Management
(b) Leadership and School Ethos
(ċ) Creating and Managing a Stimulating Learning Environment
(d) Promoting Quality Education
(e) School Development Issues
(f) Managing School for Quality Service to the Community
(g) Esej Twil jew Proġett.

(3) Il-katalgu ta' taqsimiet studju, li jindika l-kodiċi, it-titlu, id-deskrizzjoni, il-kredti assenjati għal kull taqsima studju, u l-metodu ta' valutazzjoni (normalment permezz ta' xogħol matul il-kors, li jista' jinkludi xogħol bil-miktub, proġetti, u eżami fit-tmiem tat-taqsima studju) flimkien mal-piż mogħti għal kull komponent, għandu jkun ippubblikat qabel il-bidu tal-Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord."

Emenda għar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafi (1), (2), (3) u (4) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Il-Valutazzjoni

6. (1) Matul il-Kors, il-kandidati jkunu valutati fit-taqsimiet studju skond il-kriterji stabbiliti mill-Bord.

(2) Il-kandidati jkunu eliġibbli għall-għoti tad-Diploma jekk huma:

(a) jirreġistraw għat-taqsimiet studju offruti kollha u jiksbu mill-anqas 20 kredtu; u

(b) jtemmu b'suċċess l-Esej Twil jew il-Proġett, li għalihom huma assenjati 6 kredti.

(3) Il-kredti għandhom ikunu assenjati skond il-gradi li ġejjin li jibdew mill-ogħla grad: A, B, Ċ, u D. F tindika li wieħed weħel.

(4) Il-kandidati li jeħlu f'xi komponent tal-valutazzjoni ta' taqsima studju għandhom jitħallew jerġgħu jissottomettu x-xogħol tagħhom, jew jerġgħu jagħmlu l-eżami darba fis-sessjoni ta' l-eżamijiet li jmiss. Jekk jgħaddu, l-ogħla grad li jistgħu jingħataw huwa l-grad D.

(5) Il-kandidati li jeħlu fil-valutazzjoni mill-ġdid ta' taqsima studju jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors."

Emenda għar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafi (1) u (2) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"7. (1) Il-kandidati għandhom jissottomettu Esej Twil, ta' madwar għaxart elef kelma, jew Proġett meqjus ta' livell akkademiku ekwivalenti.

(2) Is-suġġett ta' l-Esej Twil jew tal-Proġett għandu jingħata għall-approvazzjoni tal-Bord ta' l-Istudji mhux aktar tard minn disa' xhur mill-bidu tal-Kors.

(3) Il-kandidati li ma jissodisfawx lill-eżaminaturi fl-Esej Twil/Proġett għandhom jitħallew jerġgħu jissottomettuh darba fi żmien perijodu ta' tnax-il xahar."

Emenda għar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali

6. Ir-regolament 8 għandu jitħassar.

Emenda għar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali

7. Ir-regolament 9 għandu jkun innumerat mill-ġdid bħala r-regolament 8.

8. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 8 tar-regolamenti principali għandu jidħol dan li ġej:

"8. (1) Ir-riżultat finali ta' kull kandidat għandu jqis ir-riżultati miksuba fit-taqsimiet studju offruti kollha u fl-Esej Twil/Proġett, li għandhom jingħataw piż skond l-għadd ta' kredti assenjati lil kull komponent."